



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' April 2023
(OR. en)

8654/23

SOC 265
EMPL 184
ECOFIN 368
EDUC 139

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6681/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2023

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2023, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Marzu 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**rigward l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-****Impjiegi għall-2023**

1. Filwaqt LI JIRRIKONOXXI li, minkejja prestazzjoni robusta fl-2021 u fl-ewwel tliet trimestri tal-2022, is-swieq tax-xogħol tal-UE qed jiffaċċjaw inċertezzi relatati mal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-pressjonijiet inflazzjonarji qawwija li rriżultaw fis-swieq tal-enerġija u b'mod aktar wiesa'.
2. Filwaqt LI JIRRIKONOXXI l-impatt negattiv tal-inflazzjoni għolja fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u fuq l-attività ekonomika. Filwaqt LI JENFASIZZA li ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni kif ukoll il-konġestjonijiet fil-provvista marbuta mal-ambjent ġeopolitiku jirriskjaw li jiddeterjoraw il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, speċjalment fl-industriji li jużaw ħafna enerġija.
3. Filwaqt LI JISSOTTOLINJA li s-sitwazzjoni ta' kriżi attwali tappella għal koordinazzjoni effikaċi tal-politika ekonomika, tal-impjiegi u dik soċjali, li trawwem tkabbir inklużiv u sostenibbli u tipproteġi lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.
4. Filwaqt LI JFAKKAR f'dan ir-rigward fl-effett pożittiv ta' azzjonijiet koordinati fil-livelli tal-UE u nazzjonali biex jittaffa l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u biex jingħata appoġġ għar-ritorn tal-ekonomija tal-UE għal-livelli ta' produzzjoni ta' qabel il-pandemija fil-ħarifa tal-2021. Filwaqt LI JIRRIKONOXXI f'dan il-kuntest il-kontribut pożittiv tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif ukoll tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-politiki ta' inklużjoni soċjali għall-preservazzjoni tal-impjiegi, l-appoġġ għall-introjt tal-unitajiet domestiċi u l-għoti ta' servizzi soċjali matul il-kriżi, filwaqt li JAGĦRAF il-ħtieġa għal aktar azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-lakuni u l-isfidi eżistenti.

5. Filwaqt LI JISĦAQ fuq l-importanza li jiġu segwiti politiki konformi mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, fid-dawl tal-isfidi attwali u futuri, inkluż il-ħtieġa li tissaħħaħ l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni soċjali tal-persuni spostati mill-Ukrajna f'konformità mad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja.
6. Filwaqt LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jkomplu jittieħdu azzjonijiet fil-livelli nazzjonali u tal-UE biex tiġi żgurata provvista tal-enerġija adegwata u affordabbli u biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija b'mod partikolari fuq unitajiet domestiċi u kumpaniji vulnerabbli, filwaqt li jiġi inċentivat l-iffrankar tal-enerġija u tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
7. Filwaqt LI JISSOTTOLINJA l-importanza li l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tiġi mġhammra bil-ħiliet rilevanti biex tirnexxi fis-suq tax-xogħol u tappoġġa b'mod partikolari l-produttività, l-innovazzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali ekwi, anke fid-dawl ta' nuqqasijiet serji ta' ħaddiema u ħiliet li qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija f'diversi pajjiżi tal-UE.
8. Filwaqt LI JENFASIZZA li l-investment f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol u servizzi pubbliċi tal-impjiegi effikaċi, anke permezz ta' infrastruttura u servizzi diġitali aċċessibbli, huwa kruċjali għall-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, it-tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor u b'hekk il-bidla strutturali, inkluż lejn l-ekonomija diġitali u ekoloġika;
9. Filwaqt LI JISSOTTOLINJA li fil-kuntest attwali ta' inflazzjoni għolja, il-mekkaniżmi li jiffissaw il-pagi għandu jkollhom l-għan li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa, filwaqt li jkomplu jirriflettu l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u jippreservaw l-impjiegi, il-koeżjoni soċjali u l-kompetittività.
10. Filwaqt LI JFAKKAR fil-ħtieġa li tkompli tittejjeb ir-reżiljenza soċjali u ekonomika tal-Unjoni anke fit-terminu medju, b'kont meħud tad-demografija li qed tinbidel u l-urġenza li jiġu żgurati tranżizzjoni ekoloġika u tranżizzjoni diġitali ekwi li ma jħallu lil ħadd jibqa' lura. Filwaqt LI JENFASIZZA l-ħtieġa kontinwa li jiġu mmodernizzati s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-politiki ta' inklużjoni soċjali, u li jiġu żgurati kopertura formali u effikaċi, l-adegwatezza, u t-trasparenza tal-protezzjoni soċjali għal kulħadd.

11. Filwaqt li JILQA' r-riflessjoni kontinwa fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli tal-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva tal-UE (is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, l-ekwità u l-istabbiltà makroekonomika). Filwaqt LI JISSOTTOLINJA r-rilevanza tagħhom biex jiggraw idur il-prijoritajiet tal-politiki tal-Istati Membri u tal-Unjoni, sabiex jindirizzaw kemm l-impatt tal-kriżi tal-enerġija fit-terminu qasir kif ukoll l-isfidi fuq terminu medju u twil bħat-tixjiħ u t-tranżizzjoni doppja.
12. Filwaqt LI JILQA' l-fatt li s-Semestru Ewropew għadu l-qafas tal-UE għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali, tal-impjiegi u dik soċjali, billi jappoġġa l-identifikazzjoni tal-isfidi u l-prijoritajiet tal-politiki rilevanti, jipprovdi gwida, jiżgura s-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-politiki, u fl-aħħar mill-aħħar isaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UE. Filwaqt LI JIEĦU NOTA tal-orjentazzjonijiet tal-Kummissjoni għal qafas riformat tal-governanza ekonomika tal-UE.
13. Filwaqt LI JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, li jżomm enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u jintegra l-miri ewlenin tal-UE għall-2030 u, għall-ewwel darba, miri nazzjonali għall-2030 fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Filwaqt LI JILQA' l-livell għoli ġenerali ta' ambizzjoni tal-Istati Membri fl-istabbiliment tal-miri nazzjonali tagħhom għad-deċennju attwali. Filwaqt LI JILQA' l-fatt li l-analiżi bbażata fuq l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tagħti ħarsa ġenerali komprensiva tas-sitwazzjoni u l-isfidi fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali fl-Istati Membri.
14. Filwaqt LI JISSOTTOLINJA li l-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi ser jikkontribwixxi għat-trawwim ta' konverġenza soċjali 'l fuq, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030 fil-qasam tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, u għat-tisħiħ tal-ispirita tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għall-2030.
15. Filwaqt LI JIEĦU NOTA tal-gwida politika fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

16. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli u s-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, u jmexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE u nazzjonali għall-2030.
17. B'mod partikolari, JAPPELLA lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija, permezz ta' miżuri ta' appoġġ temporanji u mmirati, kif xieraq, li jiffokaw fuq l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji vulnerabbli, filwaqt li jżommu l-inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, jinkoraġġixxu tranżizzjoni lejn soluzzjonijiet newtrali għall-klima u jrawmu l-effiċjenza enerġetika.
18. JAPPELLA lill-Istati Membri biex iwessgħu r-riflessjonijiet u jimmonitorjaw u janalizzaw aħjar id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli, li n-nuqqas tagħha jista' jaffettwa gruppi lil hinn minn dawk l-aktar vulnerabbli.
19. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist tal-impjegati, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxx, u jipprevjenu ż-żieda fir-riskji tal-faqar, filwaqt li jirriflettu l-iżviluppi fil-produttività fuq terminu medju u jllimitaw ir-riskju ta' effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, f'konformità mal-prattiki nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali.
20. JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu r-riformi strutturali, il-politiki attivi effikaċi tas-suq tax-xogħol u tat-taħriġ, kif ukoll jippreservaw u jtejbu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali għal kulħadd, sabiex jagħtu spinta lir-reżiljenza ekonomika u soċjali, anke b'kont meħud tat-tnaqqis tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol meta mqabbla mat-tibdil demografiku, bl-għan li jnaqqsu n-nuqqas ta' hili u ta' ħaddiema u jiżguraw tranżizzjoni ekoloġika u tranżizzjoni diġitali ekwi. JAPPELLA biex il-valutazzjonijiet tal-impatt distributtiv jintużaw aktar biex jiġu evitati effetti soċjali negattivi possibbli.

21. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jiżguraw ugwaljanza bejn il-ġeneri, isaħħu l-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jindirizzaw id-distakk fil-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jinvestu f'kura fit-tul ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli, kif ukoll f'servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, u jippromwovu impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-persuni li jindukraw.
22. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-finanzjament disponibbli tal-politika ta' koeżjoni u jkomplu bl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż billi jqisu l-pjan REPowerEU għal aktar investimenti biex tintemm id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi u titħaffef tranżizzjoni ekoloġika ekwa.
23. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jinvolvu b'mod sistematiku lis-sħab soċjali, lis-soċjetà ċivili u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-ħin opportun u b'mod sinifikattiv fl-istadji kollha tas-Semestru Ewropew u taċ-ċiklu tat-tfassil tal-politika, peress li dan huwa kruċjali għas-suċċess tal-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika, tal-impjiegi u dik soċjali.
24. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex abbażi tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u l-evidenza mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, flimkien ma' analiżijiet oħra speċifiċi għall-pajjiżi u l-għodod ta' monitoraġġ eżistenti , u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri permezz ta' djalogu u attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali, tidentifika l-isfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi u soċjali fl-UE u fl-Istati Membri biex jiġu kkunsidrati fir-Rapporti tal-Pajjiżi u fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi.
25. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-aspetti tal-impjiegi, tal-ħiliet u dawk soċjali tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali b'mod partikolari fil-qafas tas-Semestru Ewropew, filwaqt li tinnota wkoll l-aġġornament mistenni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima.
26. IĦEĠĠEĠ lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex ikompli l-ħidma tagħhom fuq is-sorveljanza multilaterali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u l-isfidi fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali, inkluż permezz ta' rieżamijiet tematiċi, diskussjonijiet orizzontali, u tagħlim reċiproku, u f'kooperazzjoni, fejn rilevanti, mal-korpi preparatorji tal-formazzjonijiet l-oħra tal-Kunsill.

27. JAPPELLA lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex ikomplu l-ħidma tagħhom fuq l-irfinar tal-għodod ta' monitoraġġ eżistenti, inkluż bil-ħsieb li jimmonitorjaw b'mod adegwat il-miri ewlenin tal-UE u nazzjonali għall-2030, u jiżviluppaw aktar l-oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva.
28. JAPPELLA lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex jesploraw aktar il-proposta magħmula mill-Belġju u Spanja għall-introduzzjoni possibbli ta' Proċedura ta' Żbilanċi Soċjali fil-qafas tas-Semestru Ewropew, ibbażata fuq strumenti eżistenti.
-